# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 318/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Carol Fabri)

vs

**Anton Curmi**

iben George, imwieled Pieta', fid-9 ta' Gunju, 1969, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 249969(M)

Illum, 29 ta' Marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anton Curmi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (15/11/2012) ghal habta tat-23.45 gewwa Triq ix-Xatt, Marsaskala:

1) Saq jew ippruva ssuq jew kellu kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCJ-107 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

2) Talli ppruva jsuq jew kellu kontrol tal-vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkunsma tant alcohol li kien iktar mill-limitu preskritt mill-Ligi;

3) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt 1i kien qed jaghmel uzu mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCJ-107 b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel xi hsara jew gharraq xi haga ghad-dannu ta' Alexander Cutajar.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal perijodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Lulju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 u l-artikoli 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti sabet lill-imputat Anton Curmi hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza u kkundannatu multa ta' elf u mitejn ewro (€1200) fil-waqt illi ma sabitux hati tat-tielet akkuza u lliberatu minnha.

Inoltre, ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur mill-lum.

Rat ir-rikors tal-appellant Anton Curmi pprezentat fl-14 ta' Lulju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt illi tikkonfermaha f'dik i1-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tielet akkuza u thassaraha, tirrevoka u tannullaha in kwantu ghas-sejbien ta' htija taht l-ewwel u t-tieni akkuza u fin-nuqqas tvarja l-piena nflitta billi tirrevoka s-sospensjoni tal-licenza tas-sewqan.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Fl-ewwel lok l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Qorti sabet htija a bazi tal-fatt li l-appellant ma rnexxielux jaghti kampjun tan-nifs. Illi mir-rizultat tat-test tan-nifs hareg invalidu. Illi ghandu jinghad li l-appellant ghalkemm skont l-istess affidavit ta' PS 1576 u meta xehed in kontro-ezami

semma li huwa tah twissija qabel ma ghamel it-test tan-nifs. Illi skont ix-xhieda tieghu huwa qal li din kienet tikkonsisti li l-appellant kellu d-dritt li ma jaghmilx dan it-test tan-nifs izda r-rifjut jew in-nuqqas li jaghti dan il-kampjun jittiehdu proceduri fil-konfront tieghu. Ghandu jinghad ukoll li f'ebda hin l-appellant ma nghata id-dritt li jikkonsulta ma' Avukat waqt il-hin tal-arrest tieghu;

Illi f'dan l-istadju, l-appellant fid-dawl ta' Gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u anki gurisprudenza tal-Qrati Maltija, sehhew li persuna ghandu jkollu d-dritt li jkollu assistenza legali. Tant li dan id-dritt dahal fis-sehh fil-Ligi taghna izda mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni minn imkien ma jidher li l-appellant inghata dan id-dritt stante li huwa kien arrestat u fil-kundizzjoni li huwa kien seta' kien vulnerabbli tant li jista' jikkrimina lilhu nnifsu.

Illi jidher a bazi tal-artikoIu 15E (4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellant gie misjub hati u dan kuntrarjament li persuna ghandu d-dritt li ma jikkriminax lilhu nnifsu u ghalhekk l-appellant minn issa qieghed jirriserva d-dritt li jipprocedi konstituzjonalment minhabba li dan l-artikolu jmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-appellant.

Illi fit-tieni lok, l-appellant umilment jissottometti li l-piena nflitta mill-Onorabbli l-Ewwel Qorti setghet fic-cirkostanzi kollha tal-kaz tkun aktar lenjanti u ghalhekk l-appellant jitlob temperament fil-piena mposta fuqu. Illi dan qieghed jinghad li s-sospensjoni tal-licenza tas-sewqan il-Qorti setghet ma sospendietx tali licenza. Dan qieghed jinghad li l-artikolu 15H (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijet ta' Malta li skont il-proviso tieghu tghid li s-sospensjoni tal-Licenza tas-sewqan kellha tkun biss fejn il-proporzjon tal-alkohol fin-nifs irid jaqbez il-limitu preskritt bi tmien (8) mikrogrammi jew izjed.

Illi fil-fehma umli tal-appellant gialadarba r-rizultat tal-kampjun tan-nifs hareg invalidu u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha biss quddiemha persuna li naqas li jaghti kampjun tan-nifs (u dan a tenur tal-Artikolu 15E (4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi ma kien hemm l-ebda rizultat ta' limitu ta' alcohol fin-nifs tal-appellant minhabba li hareg invalidu u ghalhekk zgur l-Ewwel Qorti ma setghetx tipprezumi li l-ammont qabez il-limitu preskritt u tissospendilu l-licenza tas-sewqan. Tali sospensjoni aktar mill-multa nnifisha sejra tohloq aggravju akbar tant li

l-ghejxien tieghu jiddependi mill-garr kontinwu ta' prodotti tal-laham minhabba n-negozju li huwa ghandu.

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost illi skont ir-regolamenti 65.16 dwar it-Testijiet tan-nifs, il-Ligi tehtieg li jittiehdu zewg kampjuni tan-nifs. Illi jirrizulta li fil-fatt sar tentattiv wiehed biss li fil-fatt hareg invalidu. Illi ghandu jinghad li l-Pulizija kellha tiehu zewg kampjuni tan-nifs ghall-analizi skont r-Regolament numru 6(1) ghal sejbien ta' htija taht l-artikoli 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi di fatti sar tentattiv wiehed biss wara xulxin li hareg invalidu u hadu lill-appellant 'l hemm. Illi l-artiko1u 15F ta1-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li persuna tista' tinzamm sakemm dik tkun f'posizzjni li taghti kampjun li f'dan il-kaz ma garax hekk. Dan ifisser li l-appellant ma seta qatt jinstab hati meta l-Ligi titlob 1i jittiehdu zewg kampjuni tan-nifs u jinghata l-opportunita kollha li jaghti semmai dak il-kampjun gialadarba kien hemm kunsens minn naha tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fil-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell jirrizulta ampjament car li l-unika lanjanza tal-appellant tirrigwarda biss is-sospensjoni tal-licenzja u ma ghamel ebda riferiment ghall-aggravji l-ohra.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li l-aggravji tal-appellant ma jistghux jigu milqugha ghaliex l-ewwel Qorti applikat korrettament id-dettami tal-ligi partikolari ghal dan il-kaz.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Anton Curmi u tikkonferma s-sentenza appellata.